MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Numru. 538/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Nikolai Sant]**
**[Spettur Malcolm Bondin]**

**vs**

**William Kelly Harrison**

**Illum, 31 ta’ Mejju, 2010**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi William Kelly Harrison detentur tal-karta tal-identita` numru 46463(A).

Akkuzat talli nhar id-29 ta’ Mejju 2010, ghall-habta ta’ 23:50hrs gewwa Triq San Gorg, San Giljan:
(a) Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hekk, ta xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra membri tal-Korp WPS110 Mariuccia Scicluna, waqt li

kienet qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skont il-Ligi minn awtorita` kompenenti;

(b) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja u hedded ufficjali tal-pulizija WPS 110 Mariuccia Scicluna bhala persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet qed taghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghha jew jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(c) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` hsara fuq qalziet tal-uniformi ta' WPS 110 Mariuccia Scicluna ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta, liema hsara ma tiskorrix it-tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29);

(d) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa il-persuna ta' WPS110 Mariuccia Scicluna, skont kif iccertifika Dr. Rene Camilleri M.D. Reg. No. 3025 tal-Isptar Mater Dei;

(e) Aktar talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet tal-pulizijia; u

(f) Aktar talli fl-istess data, hin u lok, u cirkostanzi kiser l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti pprezentati u l-ezami tal-imputat li wiegeb li hu hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih, u kkonferma tali akkuza anke wara li l-Qorti taghtu z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 96, 95, 325(1)(d), 221(1), 338(ee) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq l-ammissjoni tal-imputat qed issibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 qed tpoggih taht ordni ta' probabion ghal zmien sentejn, b'dan li ghandu jitqabbad persuna ghal dan il-ghan.

Tordna li kopja tas-sentenza odjerna annessa mal-probation order ghandha tigi komunikata lid-Direttur tal-Probabation Services.

Inoltre, tirrakkomanda lil Agenzija Appogg sabiex tahtar espert fi hdanha sabiex tkun tista' taghti d-direzzjoni mehtiega lill-istess imputat.
Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------